MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Numru. 1288/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**
**KONTRA**

**CARMEL MALLIA**
**GEORGE MALLIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmel Malli ta’ 50 sena, bin John u Carmela nee’ Scerri, mwieled Qormi nhar id- 9 ta’ Ottubru 1958, residenti 48, Ruby, Triq Pawlu Borg, Attard u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 680158M;

U

George Malli ta’ 63 sena, bin John u Carmela nee’ Scerri, mwieled Qormi nhar is- 27 ta’ Novembru 1945, residenti 130, Goergem Abode, Qrendi Road, Zurrieq u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 1033845M;

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli;

1) Nhar it- 18 ta’ Awwissu 2008, matul il- gurnata u/ jew fil- granet ta’ qabel, fil- kapacita’ taghhom ta’ diretturi tal- kumpanija Finesse Ltd f’ A59C, Qasam Industrijali, Marsa b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew fil- professjoni taghhom jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti, wegga’ gravi Rayson Vella;

2) Ukoll talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi, naqsu milli jharsu s- sahha u sigurta’ tal- impjegati, kif ukoll tal- persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix- xoghol li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l- passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il- post tax- xoghol;

3) Ukoll talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal- perikli ghas- sahha u sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il- post tax- xoghol u r- riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l- aspetti kollha tal- attivita’ tax- xoghol. Dawn l- evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir- riskji ghas- sahha u s- sigurta’ tal- haddiema u tal- persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom jkunu esposti waqt ix- xoghol, inkluz dawk li jzuru l- post tax- xoghol, liema riskji jirrizulaw mix- xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit- tmexxija tal- impriza;

4) Ukoll talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, naqsu milli jizguraw is- sahha u s- sigurta' tal- haddiema f' kull zmien u f' kull aspett li ghandu x' jaqsam max- xoghol, jaghmlu arrangamenti xierqa ghall- ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal- misuri preventive u protettivi, waqt li jikkunsidraw in- natura u d- daqs tal- impriza u jiehdu l- mizuri necessarji ghas- salvagwardja tas- sahha u s- sigurta' fuq il- post tax- xoghol, u ghal dan il- ghan jipprevenu riskji fuq il- post tax- xoghol u jipprovdu nformazzjoni u tahrig kif mehtieg;

5) Ukoll talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi, naqsu li jaraw li kul zghazugh li mpjegat maghhom ikun f' kull hin adegwatament protett kontra kull riskju li johrog mill- istima ta' periklu u jizgruaw li dak iz- zghazugh ikun f' kul waqt imharreg sew fix- xoghol lilu assenjat u sorvejlat minn pesuna kompetenti lit kun imharrga f' dik l- attivita' tax- xoghol;

6) Ukoll talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhadmu, naqsu milli jizguraw li jiehdu l- mizuri mehtiega biex jizguraw li l- apparat tax- xoghol ghad- disposizzjoni tal- haddiema fl- intrapiza u, jew fl- istabbiliment innifsu jkunu adatti ghax- xoghol li jkun se jitwettaq jew dadatti kif imiss ghall- iskop u jkunu ser jintuzaw mill- haddiema minghajr periklu ghas- sigurta' u s- sahha taghhom. Naqsu wkoll bhala persuni li jhadmu, illi fl- ghazla ta' apparat li jintuza jaghtu kaz l- kundizzjonijiet u l- karatteristici specifici tax- xoghol kif ukoll tal- periklu li jezistu fl- intrapiza u, jew l- istabbiliment, b' mod specjali fuq il- post tax- xoghol, ghas- sigurta u s- sahha tal- haddiema, u jew kull periklu addizzjonali li jirrizulta mill- uzu tal- apparat in kwistjoni;

7) Ukoll talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhadmu naqsu milli jizguraw li jiehdu l- mizuri mehtiega biex matul il- hajja tax- xoghol tieghu kollha, l- apparat tax- xoghol ikun qieghed jinzamm, permezz ta' manutenzjoni adegwata;

8) Ukoll talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhadmu naqsu milli jizguraw li l-apparat tax- xoghol espost ghal- kundizzjonijiet li jikkawzaw deterjorament u li jista’ jwassal ghal sitwazzjonijiet ta’ periklu jsirulu spezzjonijiet perjodici u meta jkun adatt, testijiet minn persuni kompetenti. Ir-rizultat ta’ dawn l- ispezzjonijiet ghandhom jigu registrati minn min ihaddem u jinzammu ghal perjodu minimu ta’ sentejn. Kull record li johrog minn xi spezzjoni ghandu jinzamm hekk li l- Awtorita’ tkun tista’ tahar meta titlob li taghmel dan;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputazzjonijiet kollha fil-konfront ta’ George Mallia gew irtirati mil-Prosekuzzjoni;

Rat illi l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat Carmel Mallia ukoll giet irtirata mil-Prosekuzzjoni;

Rat illi l-imputat Carmel Mallia irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

Rat illi l-imputazzjonijiet gew assorbiti f’xulxin, bil-konkors tar-reati ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat Carmel Mallia, wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u l-qbil bejniethom fuq il-piena, il-Qorti tista' ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza. Kwantu ghall-mertu, irrisulta li kien sar hlas u risarciment fis-shih ghall-incident in kwistjoni. Dan kien jittratta incident fuq il-post tax-xoghol, u minn dakinhar 'l haw nil-kumpannija mmexxija minn Mallia ottemperat ruhha mar-regolamenti vigenti fuq is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 225, 226 (1) (a), 218 (1) (a) u (b) tal-Kap 9,
L-artikoli 6 (1) (2) tal- Att 27/2000 Kap 424,
Ir-Regolamenti 10 (1) tal- A.L. 36/03, 10 (2) tal- A.L. 36/03, 4 (1) u 5 tal- A.L. 36/03; ir-Regolamenti 3 (1) (2) (3), 4 (1) u 4 (3) (a) (b) tal- A.L. 91 tal- 2000; u r-Regolamenti 3 (1) (a) (b) tal- A.L. 282/04, 4 (2) tal- A.L. 282/04 u 5 (2) (a), (3) u (5) tal- A.L. 282/04;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat Carmel Mallia hati u ghaldaqsant tikkundannah multa ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500).

L- ewwel imputazzjoni kontra Carmel Mallia u l-imputazzjonijiet kontra George Mallia gew irtirati u ghalhekk din il- Qorti tastjeni minn li tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------